MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 178/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta’ Awwissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009, Novembru 2009, Dicembru 2009 u Jannar 2010 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Anna Pace u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Marzu, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-qorti ordnat li s-sentenza ta’ prigunerija ghal tlett (3) xhur sospizi ghal tlett (3) snin moghtija fit-3 ta’ Mejju 2010 tidhol fis-sehh b’effett immedjat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrexxindi l-perjodu ta’ prigunerija moghti lir-rikorrenti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u tilliberah mill-htija fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih, stante li l-proceduri f’dan il-kaz huma ormai ezawriti.  Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti tal-Appell tarahom xierqa u necessarji.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi tirrexxindi l-perjodu ta’ prigunerija moghti lir-rikorrent, u tilliberah mill-htija fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih, stante li l-proceduri f’dan il-kaz huma ormai ezawriti.

Il-Qorti rat il-verbal tal-parti civili Anna Pace tal-11 ta’ Novembru, 2011 fejn iddikjarat illi thallset l-arretrati kollha minn ghand l-appelleant u ma hemmx aktar pendenzi kontra tieghu ghal fini ta’ din il-kawza. Fuq l-iskorta ta’ din id-dikjarazzjoni l-partijiet ma trattawx il-mertu tal-kawza izda talbu lill-Qorti li taghti Sentenza u tiehu in konsiderazzjoni dan il-hlas.

Il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju izda rat ukoll l-Atti kollha tal-kawza fejn waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.  U zgur illi ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjoni ta’ htija dina m’ghandix tigi disturbata izda,  l-Qorti jidrilha illi stante l-

hlas fil-mori jista jkun hemm temperament fil-piena. Dana stabbilietu l-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Said (25 ta’ Settembru 2003) meta qalet “L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 (bl-emmenda tan-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debitari rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixx il-ksur ta’ l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperiment fil-piena . . . ” Dan huwa propju illi gara f’dan il-kaz fejn wara s-Sentenza ta’ l-ewwel Qorti, l-appellant hallas dak kollu li kellu jhallas lill-parti civili illi issa m’ghandiex aktar pretenzjonijiet kontra tieghu ghal dak li jirrigwardja din il-kawza.

Ghalhekk din il-Qorti tilqa’ l-appell in parti u filwaqt li tikkonferma l-ewwel Sentenza ghal dak li jirrigwardja l-htija, tvarjha ghal dak li jirrigwardja l-piena u flok dik ta’ gimgha detenzjoni l-Qorti tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------